MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2010

Numru. 535/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Jeffrey Attard ta' 29 sena, bin Paul u Maria Dolores nee` Debono, imwieled Attard fit-23/06/1980, residenti 140 Flt, 8, Triq San Nikola, Valletta u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 317180M**

**u**

**Daniela Nappa ta' 25 sena bint Joseph Nappa u Eva nee Cuschieri, imwieled Pieta fit-28/04/1985 u residenti 140 Flt 8, Triq San Nikola, Valletta u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 240285M**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati Jeffrey Attard u Daniela Nappa li gew akkuzati:

Jeffrey Attard wahdu talli nhar l-20 ta' Mejju 2010 ghal habta tal-2300hrs gewwa Triq il-Merkanti, Valletta

1. bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat jarresta lill-hati, zamm lil Clothilde Mifsud ta' 71 sena u detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 57601L u lil Jennifer Marian Caruana ta' 56 sena u detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 117299M, kontra l-volonta taghhom, bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra jew biex igieghlhom jaccettaw li jaghmlu xi trasferiment ta' hwejjighom;

2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta serq ta' flus kontanti ta' valur li ma jeccedix €23.29 liema serq huwa aggravat bil-Vjolenza u bil-Hin ghad-detriment ta' Clothilde Mifsud u Jennifer Marian Caruana;

3. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-waqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma regolari, jew imitazzjoni ta' arma regolari,

Akkuzat ukoll talli b'diversi atti maghmulin minnu li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi anki jekk fi zminijiet differenti u cioe' nhar it-13 u l-20 ta' Mejju 2010 bejn il-0515hrs u s-0600hrs u li gew maghmula b'rezoluzzjoni wahda, gewwa Triq ir-Repubblika, Valletta,

4. ikkommetta serq ta' birra u luminata ta' ammont li ma jeccedix il-valur ta' € 232.94 liema serq huwa aggravat bil-Hin, ghad-detriment ta' Simonds Farsons Cisk Plc. u / jew persuni ohra,

5. u aktar talli fl-istess zmien xjentement, indahal biex ibiegh jew imexxi birra u luminata ta' valur li ma jeccedix l-

ammont ta’ € 232.94 liema birra u luminata kienu misruqa, mehuda b’qerq jew akwistati b’reat,

Jeffrey Attard u Daniela Nappa flimkien akkuzati talli nhar is-27 ta’ Mejju 2010 ghal habta tal-0500hrs gewwa Triq ir-Repubblika, Valletta assocjaw ruhom flimkien bil-ghan li jaghmlu delitt ta’ serq meta

6. ikkommettew serq ta’ birra ta’ ammont li ma jeccedix il-valur ta’ € 232.94 liema serq huwa aggravat bil-Hin, ghad-detriment ta’ Simonds Farsons Cisk Plc. u / jew persuni ohra,

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputati liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghathom zmien xieraq sabiex jirrikonsidraw l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputati l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputati hatj tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom;.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konisiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmulha mill-imputat u l-fatt illi ikkoperaw mal-pulzijiafil-kors tal-investigazzjonijiet taghhom, izda fuq kollox il-problema li ghadhom l-imputati minhabba l-vizzju tad-droga. L-imputat Jeffrey seduta stante skuza ruhu ma wahda mill-vittmi li kienet prezenti Clotilde Mifsud.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 86, 87(1)(e), 262 (1)(a)(b)(2), 18 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, 55(a) tal-Kapitolu 480, 334(a) u 48A(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula fil-konfront ta’

Jeffrey Attard wara li rat l-artikolu 28A u 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti tikkundannah ghal sentejn prigunerija li pero ghandhom ikunu sospizi ghal zmien erba' (4) snin mil-lum. B'dan illi l-imputat qed jitqieghed taht ordni ta' supervizjoni ghall-istess perjodu ta' zmien u ghandu jsegwi programm ta' rijabilitizzjoni mill-vizzju tieghu tad-droga. **Fil-konfront tal-imputata Daniela Nappa wara li rat l-artikoli 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lil hatja that ordni ta' probation ghal zmien 3 snin mil-lum bil-kundizzjoni li ghandha ssegwi programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.**

Il-Qorti qed twissi lil hatj bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul dan il-perjodu ta' Supervizjoni u ta' Probation rispettivament jew jekk jonqsu illi jsegwu xi wahda mill-ordnijiet mghotija lilu mill-Ufficjal Sorverljanti u mill-Ufficjal tal-Probation rispettivament.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------